**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 17 ta' Gunju, 2019**

Numru 5

**Rikors Guramentat Nru. 653/2017**

**John Cassar u Atlas Insurance PCC Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata socjeta Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**

**vs**

**London Services Limited ezercitanti tal-kummerc taht l-isem Avis Garage**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tat-18 ta' Lulju, 2017 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrent John Cassar jahdem mas-socjeta Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd (C-8692) u fis-6 ta' Jannar kien mar ghall-vettura tax-xoghol rninghand is-socjeta intimata. Ghal kull buon fini jigi ddikjarat li Atlas Insruance Limited PCC Limited (C-5601) hija socjeta assikurattrici li tkopri lis-socjeta Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd (C-8692) b'poloz ta' assikurazzjoni diversi inkluz polza ghall-haddiema taghha;

2. Illi fis-6 ta' Jannar 2016 ir-rikorrent John Cassar, hekk kif kien miexi fil-proprjeta maghrufa bhala Avis Garage fl-Imsida proprjeta gestita mis-socjeta intimata London Services Limited, zelaq, lewa saqajh lura u wegga' serjament fl-istess proprjeta tas-socjeta intimata London Services Limited;

3. Illi l-incident sehh minhabba l-kundizzjoni tal-art u li konsegwenza ta' hekk ir-rikorrent John Cassar lewa saqajh u zelaq;

4. Illi kawza tal-imsemmi incident ir-rikorrent John Cassar sofra griehi gravi fl-ghaksa x-xellugija, ittiehed ghall-kura gewwa l-klinika tal-Gzira mill-haddiema tal-istess socjeta intimata u sussegwentament gie rikoverat fl-isptar Mater Dei. Wara diversi

ezaminazzjonijiet medici, ir-rikorrent John Cassar gie iccertifikat li sofra hsara fin-nervituri, kawza tal-gravita tal-incident. Ir-rijabilitazzjoni hadet fit-tul u di piu r-rikorrent baqa' jsofri dizabilita permanenti kawza ta' dan l-incident;

5. Illi wara l-kura fit-tul li kien jehtieg, ir-rirkorrent f'Gunju 2016 irritorna lura ghax-xoghol fuq bazi part-time filwaqt li f'Setternbru tal-istess sena beda jahdem fuq bazi full-time;

6. Illi s-socjeta rikorrenti Altas Insurance PCC Limited, socjeta assikurattrici ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. li maghha kien impjegat ir-rikorrenti John Cassar, irrikorriet hlasijiet ghal injury leave ammontanti ghas-somrna ta' €14,415.18 ghall-perjodu li r-rikorrent John Cassar kien assenti mix-xoghol;

7. Illi ghall-imsemmi incident hija unikament responsabbli s-socjeta intimata London Services Limited bhala s-socjeta li tiggestixxi l-Avis Garage li naqset milli tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex tassigura s-sahha u s-sigurta tal-klijenti kif ser jigi ppruvat waqt is-smigh tal-kawza;

8. lIli s-socjeta intimata London Services Limited giet interpellata diversi drabi sabiex tersaq ghal-hlas u likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrenti kif indikat fid-dokumenti hawn annessi u immarkati bhala Dok. JC1, izda ciononostante baqghet inadempjenti;

9. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, ir-rikorrent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgoba:

1. Tiddikjara li s-socjeta intimata London Services Limited (C-3951) bhala s-socjeta li tiggestixxi l-Avis Garage kienet unikament responsabbli ghall-incident tas-6 ta' Jannar 2016 rizultat ta' liema r-rikorrent John Cassar wegga' serjament;

2. Per konsegwenza tiddikjara li s-socjeta intimata London Services Limited (C-3951) hija responsabbli ghad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti;

3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent John Cassar okkorrendo bin-nomina ta' periti esperti nominati ghal dan il-fini;

4. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) fl-ammont ta' €14,415.18 jew somma ohra verjuri okkorendo bin-nomina ta' periti esperti nominati ghal dan il-fini;

5. Tikkundanna lis-socjeta intimata London Services Limited (C-3951) sabiex thallas in linea ta' danni dik is-somma hekk likwidata;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata inkluz tal-ittra ufficjali 1906/17 datata 23 ta' Mejju 2017 li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi tirrigwarda incident illi sehh fis-6 ta' Jannar 2016 gewwa Avis Garage fl-Imsida;

2. IIIi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-Dritt stante illi assolutament mhux minnu illi l-incident de quo sehh b'kawza ta' nuqqas da parti tas-socjeta konvenuta illi tiehu l-prekawzjonijiet mehtiega sabiex tassigura s-sahha u s-sigurta tal-klienti u/jew b'kawza ta' xi forma ta' nuqqas iehor da parti tas-socjeta konvenuta, u dan kif jista' jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

3. IIIi inoltre, minghajr pregudizzju ghall-fuq premess, l-atturi ghandhom igibu l-ahjar prova tad-danni effettivi u attwali minnhom allegati u reklamati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi,

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghad-danni sofferti minn John Cassar f’incident li sehh f’parti mill-binja maghrufa bhala Avis Garage gestita minn London Services Limited fis-6 ta’ Jannar 2016. Hu qed jallega li l-incident sehh meta zelaq, lewa saqajh lura u wegga serjament u b’konsegwenza sofra dizabilita permanenti.

**Provi**

Jirrizulta li John Cassar jahedem ma’ Alf Mizzi and Sons (Marketing) Limited, liema socjeta kellha ftehim ta’ kiri ta’ vetturi mas-socjeta konvenuta li kien jinkludi valeting u servicing tal-istess vettura. Minhabba x-xoghol tieghu bhala sales supervisor kien ikun spiss isuq bil-karozza tal-kiri u ghalhekk mar diversi drabi tul it-tlettax-il sena li kien ilu impjegat ghand l-Avis ghal xi valeting jew servicing jew tiswija u bdil ta’ vettura sakemm dik li jkollu tissewwa.

John Cassar xehed hekk fl-affidavit tieghu

> Ghal dawn is-snin kollha li ilni niffrekwenta Avis garaxx ir-reception dejjem kienet f'nofs id-drive in, erba' passi boghod minn fejn kelli l-incident jien. Ir-reception ma kellux access dirett mit-triq imma ridt ta' bilfors tidhol ghalih mid-drive-in. Wara dawn is-snin kollha kont drajt naghmel dan. Kien biss ftit xhur qabel ma sehh l-incident li fethu reception b'access ghat-triq u bdew jitolbuna nhallu l-karozza barra u jigu l-haddiema jsuquha huma mid-drive -in ghal gol-garaxx imma l-access ghall-garaxx mid-drive-in baqa' dejjem hemm

> u qatt ma naf li tpoggew xi signs biex ma nidhlux jew li javvertu xi tip ta' periklu. Ovvjament, wara dawk is-snin kollha nifrekkwenta l-post bl-istess rutina gieli ghaddejt sighat nippassigga fejn sehh l-incident nistenna xi tiswija biex nerga' niehu l-karrozza u l-istess kont naghmel biex nahsel il-karrozza, kont nibqa' nsuq mid-drive-in u nidhol fil-garaxx proprju hdejn il-carwash. Hadd qatt ma waqqafni, hadd qatt ma kellimni, u qatt ma nghatajt struzzjonijiet differenti minn tar-reception.

Dakinhar tal-incident ha l-karozza ghas-service. Ipparkja l-vettura fi triq sekondarja u mar fir-reception fejn tawh cavetta ta' karozza ohra. Meta startja l-karozza l-ohra c-cavetta splodiet u saret bcejjec. Mar bil-karozza quddiem id-drive in u dahal gewwa fid-drive in fejn sab lil Ray Meli, wiehed mill-managers u qallu x'gara. Meli qallu jistenna sakemm igibulu cavetta ohra. Hu dam jistenna ftit jippassigga fid-drive in ftit passi boghod mnejn kienet ir-reception originarjament. F'dan il-waqt sema tpaqpiq ta' karozzi u beda hiereg il-barra biex jara kienx qed jingombra t-triq billi kien halla l-karozza fl-access tad-drive in. Waqt li kein miexi bil-mod mal-hajt tad-drive in, hareg il-barra, ghamel pass fuq siequ ix-xellugija u mar jaghti pass bil-leminija, siequ x-xellugija marret lura u izzerzaq fuq il-wicc tal-pala ta' siequ u nizel gharkupptejh fuq siequ x-xellugija li kienet milwija u bil-wicc tal-pala ta' siequ tmiss mal-art. Hu esebixxa pen drive minn security camera li hemm fil-post li juri mumenti waqt l-incident.

Ix-xiehda dwar l-incident hu kontradett minn xhieda prodotta mis-socjeta konvenuta. Raymond Meli xehed illi kien ilu xi sentejn jaghmel xoghol differenti mas-socjeta konvenuta peress illi qabel kien inkarigat mil-leasing pero certi klijenti kienu baqghu ifittxu lilu meta jkun hemm bzonn replacement cars bhal ma kien l-attur. Hu pero kien jirriferihom ghal min hu inkarigat. Dakinhar tal-incident kien fl-ufficcju tieghu f'laqgha meta gie l-attur. Hu ghamillu sinjal biex jistennih pero wara xi hin gew xi impjegati u qalulu li l-attur kien zelaq. Snin qabel l-incident ir-reception imxiet mil-garage fejn isir ix-xoghol ghal fit-triq u l-klijenti kienu jghidulhom jipparkjaw fil-car park u jmorru r-reception u dan sabiex izommu sigurta fil-garage fejn isir ix-xoghol. Saru wkoll hafna sinjali u esebixxa dawn is-sinjali f'ritratti a fol. 227-230 tal-process.

Chris Barry, reservations manager mal-kumpanija konvenuta xehed li kien qed jistenna persuna fid-drive tal-garage. Hdejh kien hemm impjegat iehor Ray Degabriele. Ra lil John Cassar diehel fil-garage u Ray Degabirele qallu jmur fir-

reception u jsaqsi hemmhekk biex ighinuh. L-attur injorah u baqa' diehel lejn l-ufficcju u ra lil attur li kien dahal hdejn l-ufficini u kien qed isejjah lil Ray Meli. Jiftakar li dakinhar tal-incident ma kien hemm ebda ilma mal-art fejn sehh l-incident jew xi haga mal-art li setghet tikkawza z-zliq.

Ryan Aquilina li kien il-persuna inkarigata mill-leasing tal-karozzi xehed li avolja kienu jghidu lil klijenti jmorru r-reception sakemm impjegat johrog b'replacement car, John Cassar ta' sikwiet kien jibqa' diehel fil-garage u jhalli l-karozza jew jigbor iccwievet skont il-bzonn. Dahinhar John Cassar ghamel l-istess u x-xhud tah cavetta ta' replacement car u baghtu fir-reception jimla l-karti qabel jiehu l-karozza. Ftit hin wara rega' gie John Cassar ghax kellu hsara fic-cavetta tar-replacement car. Qallu biex jistenna fir-reception jew fil-car park sakemm isewwu c-cavetta. Wara ftit hin rega' rah diehel fil-garage u hargu l-barra biex jistenna fir-reception jew barra. Ix-xhud dahal lura fil-garage minghajr ma intebah li l-attur rega' kien diehel warajh u induna wara meta ra s-CCTV. Spjega li l-garage jibda b'tul ta' erba' karozzi u jiftah f'wesa fejn hemm il-car wash u fejn jahdmu l-mechanics. Il-car wash ghandu gutter tal-ilma fejn jingabar l-ilma. Qatt tul l-impjieg tieghu ta' ghaxar snin ma ra ilma fiz-zona fejn sehh l-incident. In oltre l-garage fih sinjali permanenti li juru li l-pubbliku mhux permess fil-garage u ilhom hemm ghal diversi snin. Huipprezenta ritratt fejn sehh l-incident a fol. 232 tal-process.

Glenn Aquilina impjegat iehor mas-socjeta konvenuta xehed li tul l-erba' snin li ilu impjegat mas-socejta konvenuta kien jassisti regolarment lil attur meta jigi bil-karozza. Kien jinnota lil attur jibqa' diehel fil-garage b'certa arja u ghalkemm hu u shabu kienu jghidulu li ma setghax jidhol fil-garage imma ried imur ir-reception, kien jinjora dawn l-istruzzjonijiet. Kemm kien ilu impjegat qatt ma kien hemm jew sema b'xi incident fejn xi hadd wegga' fl-ambjenti fejn isir ix-xoghol.

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Il-kawza tal-attur hi msejsa fuq culpa aquiliana fejn qed jigi allegat li l-attur sofra dannu kawza ta' nuqqas ta' diligenza jew attenzjoni tas-socjeta konvenuta f'dak li jirrigwarda s-sigurta fuq il-post tax-xoghol taghha.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Paul Micallef vs Kontrollur tad-Dwana**, (App 28/04/2017):

> Biex ikun jista' jinghad li persuna tahti lejn ohra ghall-hsara li issir b'ghemilha, jehtieg li l-persuna mgarrba turi li l-ghemil kien wiehed li jikser il-ligi jew maghmul b'nuqqas jew traskuragni fit-twettiq ta' dmir impost mil-ligi (art. 1032(1) u 1033 tal-Kap. 16). Fuq kollox, minbara li trid turi wkoll ir-rabta bejn l-ghemil u l-hsara mgarrba bhala effett dirett, irid jintwera x'kienet il-hsara li iggarrbet.

Ezami akkurat tal-insenjatament legali li ghandu jigi osservat fil-konsiderazzjoni tal-fatti marbuta ma' dan il-kaz iwasslu lil Qorti li tikkonkludi li l-attur ma ressaqx prova konvincenti la tal-kawza tal-hsara jew tan-ness jew rabta bejn l-incident li sehh liema incident hu marbut ma' htija kolpuza da parti tas-socjeta konvenuta.

Il-Qorti tqis illi jinkombi fuq l-attur li jipprova mhux biss li sehh incident u sofra dannu izda li dan id-dannu hu b'xi mod attritwibbli ghal xi azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni da parti tas-socjeta konvenuta li wassal ghal incident u konsegwenti danni.

Ma hemmx dubju illi l-incident sehh fid-drive in tal-Avis gestit mis-socjeta konvenuta bhala stabbiliment kummercjali. L-attur kien miexi fid-drive in hiereg il-barra meta ghal xi raguni zelaq jew waqa' u gie fuq il-pala ta' siequ. L-attur ma ressaq ebda prova dwar f'hiex waqa' jew zelaq. Il-filmat esebit minnu ma jaghti ebda indikazzjoni ta' xi materjal solidu jew likwidu li fih seta' waqa' l-attur. Din il-prova kienet il-fulkru tal-azzjoni attrici ghax minghajr prova cara dwar ir-raguni tal-hsara, ma jistax ikun hemm attribwilita ta' htija ta' terzi.

Hu minnu illi l-incident sehh fil-proprjeta gestita mis-socjeta konvenuta pero hawn ukoll il-Qorti tqis illi l-attur assuma hu responsabilta ghall-agir tieghu. Dan qed jinghad ghax gie pruvat mix-xiehda u ritratti prodotti mis-socjeta konvenuta illi l-attur kien qieghed f'parti mill-proprjeta li mhux support kien fiha. Ghalhemm l-attur jishaq li ma kienx hemm senjaletika u dejjem hekk kien jaghmel ghax kienet il-prassi li wiehed jidhol fil-garage tal-Avis, il-haddiema u ritratti prodotti mis-socjeta konvenuta kollha jikkonfermaw li dan ma kienx il-kaz. Anzi l-istess xiehda jsostnu li dakinhar tal-incident, l-attur gie mtlub ma jidholx il-gewwa mir-reception hdejn id-drive in tas-socjeta konvenuta izda l-attur injora dan kollu u baqa' diehel xorta. Jekk allura kien

hemm xi nuqqas, dan kien attribwibbli ghal attur li kien qed jippassigga f'parti fejn kien vjetat l-access ghalih.

Il-Qorti ma tistax issostni kongetturi izda biss fatti pruvati. Ma hemm ebda prova dwar x'ikkaguna l-incident u kif dan l-incident b'xi mod kien attritwibbli ghal xi nuqqas tas-socjeta konvenuta. Invece jirrizulta lil Qorti mill-file mediku tal-attur illi f'Lulju 2015 kien qed isofri minn ugiegh f'irkopptu l-leminija u kien ilu jsofri dan l-ugiegh ghal ahhar tmien xhur. Kien qed isibha difficli jilwi irkopptu u jitla' t-tarag. Hu minnu illi fl-incident li sehh sitt xhur wara hu wegga l-ghaksa ta' siequ x-xellugija izda din il-Qorti tqis illi l-attur kellu kondizzjoni medika anterjuri li kienet qed taffettwah fil-movimenti tieghu. Infatti qari tal-affidavit tal-attur dwar kif sehh l-incident juri biss illi kien miexi, ghamel pass fuq siequ x-xellugija u kif mar biex jaghmel il-pass bil-leminija, siequ x-xellugija marret lura, u izzerzaq fuq il-pala ta' siequ. Tali deskrizzjoni tal-incident maghdud mal-kundizzjoni medika tal-attur titfa' dubju serju fuq l-allegazzjoni tal-attur li l-incident sehh bi htija jew nuqqas tas-socjeta konvenuta.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis li ma ippruvax it-talbiet tieghu u ghandhom jigu michuda.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tichad it-talbiet tal-attur billi ma ippruvax li l-incident sehh bi htija tas-socjeta konvenuta, bl-ispejjez kontra l-attur.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur